



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11462/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0599(NLE)

SOC 493
EMPL 299
ECOFIN 750
EDUC 240

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 19 ta' Ġunju 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 599 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 599 final.

Mehmuż: COM(2024) 599 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2024
COM(2024) 599 final

2024/0599 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jridu jqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom u l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom fil-Kunsill. Il-Kunsill irid jadotta linji gwida dwar l-impjiegi (l-Artikolu 148) filwaqt li jispeċifika li dawn għandhom ikunu konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 121).

Filwaqt li l-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi jibqgħu jgħoddu għal kwalunkwe durata ta' żmien, il-linji gwida dwar l-impjiegi jridu jitfasslu kull sena. Il-linji gwida ġew adottati f'daqqa għall-ewwel darba fl-2010 ("il-pakkett integrat"), u jirfdu l-istrateġija Ewropa 2020. Il-linji gwida integrati baqgħu stabbli sal-2014. Fl-2015 ġew adottati l-linji gwida integrati riveduti. Fl-2018, il-linji gwida dwar l-impjiegi ġew allinjati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamati f'Novembru 2017 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, bl-għan li jixprunaw ir-riformi fil-livell nazzjonali u biex iservu ta' boxxla għall-proċess imġedded ta' konverġenza 'l fuq madwar l-Ewropa kollha lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, u baqgħu hekk sal-2019. Fl-2020 ġew allinjati biex jiġu integrati elementi relatati mal-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Fl-2021 ġew riportati, filwaqt li l-premessi ġew aġġustati biex jirriflettu l-eżiti tas-Summit Soċjali ta' Porto u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fl-2022 il-linji gwida ġew emendati biex jallinjaw it-test billi n-narrattiva ffukat mill-ġdid fuq l-ambjent ta' wara l-COVID-19, fejn iddaħħlu aktar elementi relatati mal-ekwità fit-tranżizzjoni ekoloġika, ġew riflessi l-inizjattivi ta' politika reċenti u żdiedu elementi ta' politika ta' rilevanza partikolari fil-kuntest tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fl-2023 reġgħu ġew riportati, filwaqt li ġew aġġustati l-premessi biex jirriflettu l-miri ewlenin u nazzjonali l-ġodda tal-UE dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u l-inizjattivi reċenti. Din is-sena l-linji gwida qed jiġu aġġornati biex ikunu jinkludu aktar elementi relatati mal-edukazzjoni u mat-taħriġ, kif ukoll teknoloġiji ġodda, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika, u biex ikunu jirriflettu inizjattivi ta' politika reċenti ta' rilevanza partikolari bħal pereżempju dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi, l-akkomodazzjoni affordabbli u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

Flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi, il-linji gwida dwar l-impjiegi qed jiġu ppreżentati bħala Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-Parti II tal-Linji Gwida Integrati) u jipprovdu l-bażi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-oqsma rispettivi.

Il-"Linji Gwida dwar l-Impjiegi" riveduti huma dawn li ġejjin:

Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwizzizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u l-kompetenzi

Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Istati Membri u l-Unjoni jridu jaħdmu biex jiġu żviluppata strateġija kkoordinata għall-impjiegi u b'mod partikolari għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli, kif ukoll swieq tax-xogħol li jkunu orjentati lejn il-ġejjieni u li jkunu jwieġbu għat-tibdil ekonomiku, bil-ħsieb li jinkisbu l-oġġettivi ta' livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, tkabbir ibbilanċjat, livell għoli ta' protezzjoni u titjib fil-kwalità tal-ambjent stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Istati Membri jridu jqisu l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u jridu jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dak ir-rigward fil-Kunsill, filwaqt li jqisu l-prattiki nazzjonali marbutin mar-responsabbiltajiet ta' min imexxi u tal-ħaddiema.
- (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-TUE. Meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tqis r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (3) F'konformità mat-TFUE, l-Unjoni żviluppata u implimentata strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi. Bħala parti minn

¹ Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2024 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2024 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2024 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

dawn l-istrumenti, il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri (“il-Linji Gwida”) stabbiliti fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni (UE), flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 ⁽⁴⁾, jiffurmaw il-Linji Gwida Integrati. Dawn iridu jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-politika fl-Istati Membri u fl-Unjoni, filwaqt li jirriflettu l-interdipendenza bejn l-Istati Membri. Is-sett ta’ politiki u riformi kkoordinati tal-Unjoni u nazzjonali li jirriżultaw iridu jikkostitwixxu taħlita kumplessiva xierqa u sostenibbli ta’ politiki ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, li jenħtieġ li tikseb effetti konsegwenzjali pożittivi għas-swieq tax-xogħol u għas-soċjetà inġenerali, issaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u twieġeb b’mod effettiv għall-isfidi fuq perjodu ta’ żmien medju u itwal kif ukoll għall-impatti ta’ kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja minħabba l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

- (4) Sabiex ikun hemm aktar progress ekonomiku u soċjali u konverġenza ’l fuq, jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-Unjoni u jinkisbu swieq tax-xogħol inklużivi, kompetittivi u reżiljenti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqas ta’ ħaddiema u ta’ ħiliet u jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ ta’ kwalità u inklużivi, b’enfasi partikolari fuq it-titjib tal-ħiliet bażiċi, speċjalment fost l-istudenti żvantaġġati, u fuq is-suġġetti STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) fl-iskola u fl-edukazzjoni għolja, fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali orjentati lejn il-futur, fuq it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tul il-ħajja, kif ukoll fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi u fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-opportunitajiet ta’ karriera. Dan huwa ta’ rilevanza partikolari għar-reġjuni inqas żviluppati, remoti u ultraperiferiċi tal-UE, fejn hemm l-akbar ħtiġijiet. In-nuqqasijiet jistgħu jkomplu jiġu indirizzati billi tittejjeb il-mobbiltà intra-UE ekwa għall-ħaddiema u għall-istudenti u billi jiġi attirat it-talent minn barra l-UE. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-rabtiet bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-suq tax-xogħol jissaħħu u l-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u dak informali jiġu rikonossuti.
- (5) Il-Linji Gwida huma konsistenti mal-qafas il-ġdid tal-UE dwar il-governanza ekonomika, li daħal fis-seħħ fit-30 ta’ April 2024, ma’ leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u ma’ diversi inizjattivi tal-Unjoni, inkluż ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2021 ⁽⁵⁾, tad-29 ta’ Novembru 2021 ⁽⁶⁾, tal-5 ta’ April 2022 ⁽⁷⁾, tas-16 ta’ Ġunju 2022 ⁽⁸⁾, tat-28 ta’ Novembru 2022 ⁽⁹⁾, tat-8 ta’ Diċembru 2022 ⁽¹⁰⁾, tat-30

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 tal-14 ta’ Lulju 2015 dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 192, 18.7.2015, p. 27).

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta’ Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Novembru 2021 dwar approċċi ta’ tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta’ kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2022 dwar il-bini ta’ konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1).

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2022 dwar kontinuità individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta’ tranziżzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranziżzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1).

ta' Jannar 2023 ⁽¹¹⁾, tat-12 ta' Ġunju 2023 ⁽¹²⁾ u tas-27 ta' Novembru 2023 ⁽¹³⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 ⁽¹⁴⁾, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2021, ⁽¹⁵⁾, il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali ⁽¹⁶⁾, rigward il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027 ⁽¹⁷⁾, rigward l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030 ⁽¹⁸⁾, rigward il-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà ⁽¹⁹⁾, rigward Strateġija Ewropea għall-Kura ⁽²⁰⁾, rigward Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti ⁽²¹⁾, rigward it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea ⁽²²⁾, u rigward valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri ⁽²³⁾, u rigward in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni ⁽²⁴⁾, id-Deċiżjonijiet (UE) 2021/2316 ⁽²⁵⁾ u (UE) 2023/936 ⁽²⁶⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi (UE) 2022/2041 ⁽²⁷⁾, (UE) 2022/2381 ⁽²⁸⁾ u (UE) 2023/970 ⁽²⁹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-

-
- 9 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel (ĠU C 469, 9.12.2022, p. 1).
- 10 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1).
- 11 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1).
- 12 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (ĠU C/2023/1389, 6.12.2023).
- 13 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (ĠU C/2023/1344, 29.11.2023).
- 14 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1).
- 15 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021–2030), (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).
- 16 COM(2021) 778 final.
- 17 COM(2020) 624 final.
- 18 COM(2021) 101 final.
- 19 [Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà biex jittejjbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà – Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni – Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)
- 20 COM(2022) 440 final.
- 21 COM(2023) 62 final.
- 22 COM(2023) 38 u 40 final.
- 23 COM(2022) 494 final.
- 24 COM(2024) 131 final.
- 25 Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) (ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1).
- 26 Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1).
- 27 Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).
- 28 Id-Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 44).
- 29 Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħha l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21).

Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi ⁽³⁰⁾

- (6) Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza multilaterali integrati tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fl-Unjoni. Filwaqt li jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità u l-istabbiltà makroekonomika, is-Semestru Ewropew jintegra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-għodda ta' monitoraġġ tiegħu, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, jippermetti li ssir analiżi tar-riskji u tal-isfidi għall-konverġenza 'l fuq fl-Unjoni, u jipprevedi impenn qawwi mas-sħab soċjali, mas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. Barra minn hekk, jappoġġa t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Jenħtieġ li l-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jimxu id f'id mat-tranżizzjoni ġusta tal-Unjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ambjentalment sostenibbli u diġitali, itejbu l-kompetittività, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, irawmu l-innovazzjoni, jipromwovu l-ġustizzja soċjali, opportunitajiet indaqs u konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, u jindirizzaw l-inugwaljanzi u d-disparitajiet reġjonali.
- (7) It-tibdil fil-klima u ċerti sfidi oħrajn relatati mal-ambjent, il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta, l-indipendenza enerġetika, it-tiġi fil-kompetittività tal-industriji b'emissjonijiet zero netti u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa, kif ukoll l-iżvilupp fid-diġitalizzazzjoni, fl-intelliġenza artifiċjali u fl-ekonomija tal-pjattaformi, iż-żieda fit-telexogħol u t-tibdil demografiku qed jittrasformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Unjoni bil-kbir. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jridu jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod effettiv u proattiv dawn l-iżviluppi strutturali u jadattaw is-sistemi eżistenti kif meħtieġ, filwaqt li jirrikonoxxu l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u l-politiki relatati. Dan jirrikjedi azzjoni ta' politika kkoordinata, ambizzjuża u effettiva kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tas-sħab soċjali, f'konformità mat-TFUE u mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-governanza ekonomika, filwaqt li jitqies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jenħtieġ li din l-azzjoni politika tkun tinkludi spinta fl-investment sostenibbli fir-reġjuni kollha tal-UE, impenn imġedded għal riformi u investimenti b'sekwenza xierqa li jtejbju t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-produttività, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, ir-reżiljenza u l-eżerċizzju tar-responsabbiltà fiskali.

Kif muri fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ b'mod sistematiku f'politiki oħrajn relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u mal-iżvilupp sostenibbli f'perspettiva tul il-ħajja tista' tappoġġa l-implimentazzjoni ta' daww il-politiki. Jenħtieġ li jingħata appoġġ mill-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni, u b'mod partikolari mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³¹⁾ u mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-

³⁰ COM (2021) 762 final

³¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Kunsill ⁽³²⁾ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali rregolat bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³³⁾, kif ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁴⁾. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' politika tikkombina miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, filwaqt li tqis l-impatti ekonomiċi, ambjentali, tal-impjiegi u soċjali ta' dawn il-miżuri.

- (8) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017 ⁽³⁵⁾, jistabbilixxi għoxrin prinċipju u dritt għall-appoġġ ta' swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Dawk il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni strateġika lill-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li t-tranżizzjonijiet lejn in-newtralità klimatika, is-sostenibbiltà ambjentali, id-diġitalizzazzjoni u l-impatt tat-tibdil demografiku jkunu soċjalment ekwi u ġusti u jippreservaw il-koeżjoni territorjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanjah, jikkostitwixxi qafas ta' referenza għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni soċjali u tal-prestazzjoni fil-qasam tal-impjiegi tal-Istati Membri kif ukoll għall-monitoraġġ tal-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, biex jixpruna r-riformi u l-investimenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u jirrikonċilja l-“lat soċjali” u s-“suq” fl-ekonomija moderna tal-lum il-ġurnata, inkluż permezz tal-protezzjoni tal-ekonomija soċjali. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pjan ta' Azzjoni”), inkluż miri ewlenin tal-Unjoni, li huma ambizzjużi iżda fl-istess ħin realistiki, dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u sottomiri komplementari għall-2030, kif ukoll it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta.
- (9) Kif rikonoxxut mill-Kapijiet tal-Istati jew tal-Gvernijiet fis-Summit Soċjali ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jsaħħaħ l-ispinta tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u se tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq u għall-indirizzar tal-isfidi demografiċi. Enfasizzaw li d-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involvement attiv tas-sħab soċjali huma fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna u laqgħu b'sodisfazzjon il-miri ewlenin il-ġodda tal-Unjoni. Affermaw id-determinazzjoni tagħhom, kif stabbilit mill-Aġenda Strateġika 2019–2024 tal-Kunsill Ewropew, li jkomplu japprofondixxu l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, filwaqt li kkunsidraw kif xieraq il-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fl-aħħar, enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, anke fl-ogħla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030.

³² Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 ([ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21](#)).

³³ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

³⁵ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

- (10) Il-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li jenħtieġ li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jkollhom impjieg), il-ħiliet (li jenħtieġ li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (li jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, fosthom ħames miljun tifel u tifla), intlaqgħu b'sodisfazzjon mill-Kapijiet tal-Istati jew tal-Gvernijiet fis-Summit Soċjali ta' Porto fit-8 ta' Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, se jgħinu, flimkien mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala parti mill-qafas tal-koordinazzjoni tal-politika fis-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, is-Summit Soċjali ta' Porto appella wkoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, filwaqt li tiġi meqjusa l-pożizzjoni inizjali ta' kull pajjiż, jenħtieġ li jagħtu kontribut adegwat biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030. Bejn Settembru 2021 u Ġunju 2022, l-Istati Membri ppreżentaw il-miri nazzjonali tagħhom wara li l-Kummissjoni stednithom jagħmlu dan. Fil-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO, Employment, Social Policy, Health and Consumer Affairs Council) ta' Ġunju 2022, il-Ministri saħqu dwar l-importanza li jiġi segwit mill-qrib il-progress li nkiseb fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-miri ewlenin tal-UE għall-2030. F'dan l-isfond, il-progress f'dawk il-miri nazzjonali huwa mmonitorjat fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024 u integrat fl-għodod ta' monitoraġġ għas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024 kien jinkludi "analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż" dwar ir-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq, li tidentifika seba' pajjiżi bħala pajjiżi li qed jesperjenzaw riskji potenzjali u li rriżultat f'"analiżi tat-tieni stadju" aktar profonda għal dawn is-seba' Stati Membri⁽³⁶⁾.
- (11) Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-azzjonijiet tar-Russja, li qed jippruvaw jimminaw is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali, u esprima solidarjetà mal-poplu Ukren, filwaqt li ssottolinja l-ksur, min-naħa tar-Russja, tad-dritt internazzjonali u tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Fil-kuntest attwali, il-protezzjoni temporanja, kif mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 u estiża bid-deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2409⁽³⁷⁾, toffri assistenza effettiva malajr lill-persuni spostati fil-pajjiżi tal-Unjoni li jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tippermetti lil dawn il-persuni spostati jgawdu minn drittijiet minimi madwar l-Unjoni kollha li joffru livell adegwat ta' protezzjoni. Billi jipparteċipaw fis-swieq tax-xogħol tal-Unjoni, il-persuni spostati mill-Ukrajna jistgħu jkomplu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekonomija tal-Unjoni u għall-appoġġ ipprovdut lil pajjiżhom u lin-nies ta' pajjiżhom. Fil-futur, l-esperjenza u l-ħiliet miksuba jistgħu jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna. Għat-tfal u l-adolessenti mhux akkumpanjati, il-protezzjoni temporanja tagħti d-dritt

³⁶ Li rriżulta f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ([https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD\(2024\)132&lang=mt](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2024)132&lang=mt)), li jibbaża fuq il-messaġġi ewlenin tal-korpi konsultattivi tal-EPSCO dwar qafas possibbli biex jissaħħu l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, li serva ta' bażi għad-dibattitu dwar is-Semestru fl-EPSCO ta' Ġunju 2023.

³⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2409 tad-19 ta' Ottubru 2023 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382.

għall-kustodja legali u għall-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jinvolvu lis-sħab soċjali fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-miżuri ta' politika li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-impjiegi u mal-ħiliet, inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-persuni spostati mill-Ukrajna. Is-sħab soċjali jaqdu rwol ewlieni fil-mitigazzjoni tal-impatt ta' din il-gwerra f'termini tal-preservazzjoni tal-impjiegi u tal-produzzjoni.

- (12) Jenħtieġ li r-riformi fis-suq tax-xogħol, inkluż il-mekkaniżmi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi, ikunu jirrispettaw il-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, bil-għan li jiġu pprovduti pagi ġusti li jippermettu standard tal-għajxien deċenti, tkabbir sostenibbli u konverġenza soċjoekonomika 'l fuq. Jenħtieġ li dawn ir-riformi jkunu jippermettu kunsiderazzjoni wiesgħa tal-fatturi soċjoekonomiċi, inkluż titjib fis-sostenibbiltà, fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil-faqar fost dawk li jaħdmu, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u l-ħiliet, fis-saħħa pubblika, fil-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali kif ukoll fl-introjti reali. L-importanza tad-djalogu soċjali fl-indirizzar tal-isfidi fid-dinja tax-xogħol, inkluż in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ġiet affermata mill-ġdid fis-Summit ta' Val Duchesse tal-2024.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ċerti fondi oħrajn tal-Unjoni qed jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti li jkunu f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni, u b'hekk l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Unjoni jsiru aktar sostenibbli u reżiljenti u jkunu ppreparati aħjar għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fil-kuntest li qed jinbidel wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taggrava l-isfidi soċjoekonomiċi preeżistenti minħabba l-fatt li l-prezzijiet oġhla tal-enerġija affettwaw b'mod partikolari lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jkomplu jiżguraw li l-impatti soċjali, ekonomiċi u fuq l-impjiegi jittaffew u li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ekwi u ġusti, anke fid-dawl tal-fatt li aktar awtonomija strateġika miftuħa u tranżizzjoni ekoloġika mħaffa se jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u ta' prodotti u teknoloġiji strateġiċi oħrajn, b'mod partikolari mir-Russja. It-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tfittxija ta' soċjetà inklużiva u reżiljenti li fiha n-nies ikunu protetti u jkollhom is-setgħa li jantiċipaw u jiġġestixxu l-bidla, u li fiha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija, huma essenzjali.

Jeħtieġ sett koerenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li jikkonsisti minn inċentivi temporanji u mmirati għar-reklutaġġ u t-tranżizzjoni, politiki dwar il-ħiliet inkluż l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, u servizzi mmirati, effettivi u adattabbli għall-impjiegi, biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u jsir użu sħiħ mill-potenzjal mhux sfruttat tas-suq tax-xogħol, f'konformità wkoll mal-approċċ ta' inklużjoni attiva u fid-dawl tat-trasformazzjoni ekoloġika u dik diġitali kif enfasizzat fost l-oħrajn fid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽³⁸⁾. Jenħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali tal-ħaddiema.

- (13) Jenħtieġ li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi appoġġat l-impjegar taż-żgħażaġh. Jenħtieġ li jiġu

³⁸ Id-dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. La Hulpe, il-Belġju, is-16 ta' April 2024.

żgurati aċċess u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u li l-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari dawk tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni Rom, jitnaqqsu, b'mod partikolari billi jiġi żgurat funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u inklużivi, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 ⁽³⁹⁾. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni, it-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol inklużivi u orjentati lejn il-futur u jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (il-“miri ta' Barċellona għall-2030”), biex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jsiru aktar attraenti u inklużivi f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u fil-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskejjel. L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni soċjali, huwa kundizzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Huwa partikolarment rilevanti l-aċċess f'waqt u ugwali għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità, u għal servizzi tal-kura tas-saħħa, inkluż il-prevenzjoni u l-promozzjoni tal-kura tas-saħħa, fid-dawl tar-riskji potenzjali għas-saħħa fil-futur u f'kuntast ta' soċjetajiet li qed jixxjeħu.

Jenħtieġ li l-potenzjal tal-persuni b'diżabbiltà li jikkontribwixxu għat- tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp soċjali jkompli jiġi realizzat, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ⁽⁴⁰⁾, li stiednet lill-Istati Membri jistabbilixxu miri dwar l-impjiegi u l-apprendiment għall-adulti għall-persuni b'diżabbiltà. Il-qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom jenfasizza l-kapaċità fi ħdan il-komunitajiet Rom emarġinati li jtaffi n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u għandu l-għan li jnaqqas id-differenza fl-impjiegi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali mill-inqas bin-nofs ⁽⁴¹⁾. It-teknoloġiji l-ġodda u l-postijiet tax-xogħol li qed jevolvu madwar l-Unjoni kollha jippermettu li jkun hemm arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli kif ukoll titjib fil-produttività u fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li jikkontribwixxu għall-impjenji ekoloġiċi tal-Unjoni. Dawk l-iżviluppi jġibu wkoll sfidi ġodda għas-swieq tax-xogħol, li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-aċċess effettiv għall-protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema u għall-ħaddiema għal rashom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol jissarrfu f'impjiegi ta' kwalità u f'postijiet tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, li ma jikkawżawx ħsara għas-saħħa u sikuri, kif ukoll f'bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li jżommu drittijiet soċjali u tax-xogħol stabbiliti u jsaħħu l-mudell soċjali tal-Ewropa.

³⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1).

⁴⁰ COM(2021) 101 final.

⁴¹ Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020–2030, COM(2020) 620 final.

- (14) Jenħtieġ li l-Linji Gwida Integrati jservu ta' bażi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi ta' REACT-EU tagħhom stabbiliti bir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴²⁾, li jsaħħaħ il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-2014–2020 u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD, Fund for European Aid to the Most Deprived) sal-2023. Minħabba l-kriżi attwali tal-Ukrajna, ir-Regolament (UE) 2020/2221 kompla jiġi kkomplementat bir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴³⁾, kif ukoll b'emenda oħra tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁴⁾ dwar żieda fil-prefinanzjament għal REACT-EU, u b'kost unitarju ġdid sabiex jgħin biex titħaffef l-integrazzjoni tal-persuni li qed jitolqu mill-Ukrajna u jidħlu fl-Unjoni kif previst fir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁵⁾.

Barra minn hekk, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u minn fondi oħrajn tal-Unjoni, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta kif ukoll InvestEU, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁶⁾, kif ukoll mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument) biex jitrawmu impjiegi ta' kwalità u investimenti soċjali, jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni, u jiġu promossi opportunitajiet għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, apprendiment tul il-ħajja u edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, inkluż il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali sabiex iċ-ċittadini jingħataw l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa għal ekonomija diġitali u ekoloġika. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁷⁾ biex jiġu appoġġati l-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja minħabba avvenimenti ta' ristrutturar maġġuri, bħat-

⁴² Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1).

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

⁴⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 38).

⁴⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat ta' xejriet globali ta' bidliet teknoloġiċi u ambjentali. Filwaqt li l-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, jenħtiegħ li jiġu implimentati fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-involvement mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll tas-sħab soċjali u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

(15) Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jridu jimmonitorjaw kif jiġu implimentati l-politiki rilevanti fid-dawl tal-Linji Gwida, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom ibbażati fuq it-Trattat. Dawk il-kumitati u ċerti korpi preparatorji oħrajn tal-Kunsill involuti fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u soċjali jridu jaħdmu flimkien mill-qrib. Jenħtiegħ li d-djalogu politiku bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jibqa' għaddej, b'mod partikolari fir-rigward tal-Linji Gwida tal-Istati Membri.

(16) Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġie kkonsultat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-“linji gwida”), kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati. Il-Linji Gwida għandhom jiffurmaw parti mil-Linji Gwida Integrati.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iqisu l-Linji Gwida fil-politika dwar l-impjiegi u l-programmi ta' riforma tagħhom, li għandhom jiġu rappurtati f'konformità mal-Artikolu 148(3) tat-TFUE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*